# Il-Pittura ta' bejn il-Lunetti fir-Rotunda

*Mark Muscat*

Ġużeppi Calì pinġa l-pittura ta' bejn il-lunetti bejn is-snin 1900 u l-1922. Ħallset għalihom il-familja Xuereb. Bejn l-1887 u l-1894, Dun Pawl Xuereb kien arċipriet tar-Rotunda, l-ewwel arċipriet wara tmintax-il kappillan. It-tmien kwadri juru episodji mill-ħajja ta' Kristu. Taħt kull pittura hemm il-figura ta' profeta bilqiegħda bejn żewġ puttini. Jolqtok mill-ewwel il-gwarniċun li jdawwar il-kwadri. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher gwarniċ tassew u mhux pittura. Il-profeti wkoll, aktar jidhru li huma skolpiti milli mpittrin.



SOFONIJA - ippriedka bejn is-snin 640 - 609 QK kontra l-ħażen ta' żmienu u ħeġġeġ għall-indiema. Hu profeta minuri.

L-ewwel lunetta fl-ispazju bejn in-navi ta' l-altar maġġur u tar-Rużarju tirrappreżenta t-twelid ta' Ġesù fl-għar ta' Betlem. Impinġija bil-mod tradizzjonali, it-tarbija fin-nofs bejn il-Madonna u San Ġużepp, bil-baqra fl-isfond ta' sema ħamrani. Interessanti l-grupp ta' l-erba' rgħajja, wieħed iżomm tifel ċkejken miegħu u mara li tidher li hija tqila. Il-profeta Iżaija li ħabbar it-twelid ta' Ġesù għandu lbiesu aħmar u qiegħed bilqiegħda fuq speċi ta' tron.

It-tieni lunetta bejn l-altari tar-Rużarju u ta' San Pawl tfakkar l-Epifanija. Ġesù hu tifel ta' madwar sentejn. Flimkien mal-Madonna u San Ġużepp hemm it-tliet Slaten Maġi, li skond it-tradizzjoni kien jisimhom Gaspar, Melkjor u Baltassar. Fl-isfond ta' sema li juri s-sebħ tal-jum tidher il-kewkba li wriethom it-triq u l-iġmla li wassluhom. Il-profeta David, bix-xettru u l-kuruna ta' sultan ma' riġlejh, hu liebes l-abjad b'mantar aħmar.

Bejn il-kappelluni ta' San Pawl u ċ-Ċintura, il-pittura turi x-xena ta' meta Ġesu ddiskuta

fit-tempju mad-Dutturi, Lhud xjuħ jisimgħu bil-ħerqa dak li kellu x'jgħidlihom it-tfajjel. Dettalji fil-pittura barra l-isfond tat-tempju, hi t-tikmixa fit-tapit li Calì' pinġa b'tant mod naturali. Il-profeta Joel liebes il-kannella b'mant bajdani.

Ir-raba' lunetta, bejn in-navi ta' l-altar taċ-Ċintura u ta' l-Orgni l-Kbir fuq il-bieb ta' barra, turi lil Ġesù b'idejh miftuħin ikellem lit-tnax-il appostlu, fl-isfond fil-bogħod ta' xi bini. Meta fid-9 t'April 1942, ir-Rotunda ntlaqtet b'bomba Ġermaniża (*Sprengbombecylindrische SC 500*), il-bomba li nifdet il-koppla ħabtet sewwa sew f'nofs il-pittura qabel ma tgerbet lejn l-art. Il-ħsara ġiet imsewwija, imma fejn ġiet il-ħabta għadha kemmkemm tidher sa llum. Il-profeta taħt il-kwadru hu Ġeremija.

Bejn in-navi ta' l-orgni u l-kappellun ta' San Bastjan hemm il-kwadru li juri meta Marija Maddalena ħaslet riġlejn Kristu u xxuttathomlu b'xagħarha stess, b'għaġeb tal-kbarat Lhud iħarsu. Salamun liebes libsa ħamra u vjola jżejjen in-naħa t-isfel tal-kwadru.



ŻAKKARIJA - ħareġ jippriedka fis-sena 520 QK. Hu profeta minuri. Fil-ktieb tiegħu tinsab referenza li serviet bħala mudell għad-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm.

Kwadru mimli figuri ta' nies jistagħġbu f'waħda mit-toroq tal-belt ifakkar il-miraklu ta' meta Kristu fejjaq wieħed mifluġ. Dan is-sitt kwadru qiegħed bejn l-altari ta' San Bastjan u San Ġużepp. Il-profeta Eżekjel hu liebes libsa safra b'mant bajdani fuqha.

Id-daħla Messjanika ta' Ġesù fil-belt ta' Ġerusalemm hija s-suġġett tas-seba' pittura bejn l-altari ta' San Ġużepp u ta' l-Agunija. Kristu riekeb fuq il-ħmara għaddej mit-triq fost folla kbira ta' nies ixejru l-palm. Il-profeta Zakkarija għandu libsa safra b'mantell ikħal.

L-aħħar lunetta ta' bejn l-altar ta' l-Agunija u l-altar maġġur turi lil Kristu jqum mill-mewt. Jidher ħiereġ mill-qabar imdawwar bl-anġli. Is-suldati għassa mal-qabar qegħdin jibżgħu b'dak li raw. Fl-isfond jidhru l-ewwel raġġi ta' filgħodu. Fir-rokna tal-pittura hemm l-arma

tal-familja Xuereb li ħallset biex saret l-opra. Il-profeta Sofonija għandu libsa safra b'mantell aħdar magħha.

L-arċipriet Pawlu Xuereb ħalla l-flus biex isiru dawn il-kwadri kbar bejn il-lunetti. Iżda meta ġew biex isiru fi żmien il-Prokuratur Dun Anġ Camilleri qamu l-kwistjonijiet. L-eredi ta' l-arċipriet għamlu kawża fejn talbu jiġi deċiż jekk il-pittura kellhiex issir jew le. Il-kawża ntrebħet mill-Knisja li bħala avukat difensur kellha lil Oreste Grech.

Kwistjoni oħra li qamet kienet jekk il-kwadri kellhomx isiru kif pinġiehom Grognet fil-pjanta tiegħu jew kif ħasibhom Calì'. l-Isqof Pietru Pace bid-digriet tad-9 ta' Jannar 1900, iddeċieda li jsiru kif narawhom illum. Kwistjoni oħra kienet dwar kif kellu jiġi mpinġi l-gwarniċ, l-aktar f'dik il-parti li tifred il-kwadru min-naħa ta' fejn hemm il-profeti. L-Isqof qabbad xi periti, illi ddeċidew favur l-abbozz ta' Calì', kollox kif naraw illum.

